

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/933

tad-29 ta' Ġunju 2018

li tikkoreġi l-verżjoni lingwistika Ġermaniża tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

- (1) Tfaċċaw xi żabalji fil-verżjoni lingwistika Ġermaniża tad-Direttiva 2006/126/KE, b'mod aktar preċiż fil-punti 6.1 u 6.4 tal-Anness III li jikkonċerna l-istandards minimi ta' saħħa fiżika u mentali għas-sewqan ta' vettura b'mutur, b'mod partikolari fir-rigward tal-vista. L-iżbalji ġew introdotti bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE (²).
- (2) Il-verżjoni lingwistika Ġermaniża tad-Direttiva 2006/126/KE għandha għalhekk tiġi kkoreġuta kif xieraq. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.
- (3) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat tal-liċenzji tas-sewqan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

(ma jaapplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18.

(²) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE tal-25 ta' Awwissu 2009 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 223, 26.8.2009, p. 31).

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' ġunju 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
